# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI NRU 1882

Każ Nru 2497/FM

Fil-kwistjoni tax-xogħol

bejn

Philisian Debono

u

Arrigo Group of Hotels Ltd (C 3895)

dwar tkeċċija mill-impieg allegata
li hi ngusta

Data: 5 ta' Novembru 2008

**Chairman: Franco Masini**

**1. Introduzzjoni**

Dan il-każ ġie ntavolat permezz ta' rikors promotorju li sar mill-Avukat Stefan Zrinzo Azzopardi f'isem l-Appellanti Philisian Debono fit-12 ta' Ġunju 2007. Ġie allegat li l-Appellanti kienet kostretta tħalli l-impieg tagħha minn mas-Soċjetà Appellata Arrigo Group of Hotels Ltd minħabba ċirkostanzi li jammontaw għal *constructive dismissal*. Is-Soċjetà Appellata li kienet rappreżentata mis-sur Lino Cremona, assistit mill-Avukat Michael Psaila, innegat dan u sostniet li l-Appellanti kienet abbandunat l-impieg tagħha fis-17 ta' Frar 2007 mingħajr lanqas biss ma tat avviż rikjest mil-liġi.

Inzammu tnax il-seduta.

A tenur ta' l-artikolu 78(1) tal-Kap 452 irid jingħad li minħabba nuqqas infrastrutturali li jrid iħabbat wiċċu magħhom dan it-Tribunal kif ukoll minħabba n-numru ta' seduti li kellhom isiru ma kienx possibbli li l-każ jinstema' u jinqata' fil-perijodu ta' xahar preskritt mill-istess Kap.

## 2. Fatti tal-Każ

L-Appellanti tirritjeni li kienet sfurzata sabiex tirriżenja mill-impieg tagħha minħabba ċirkostanzi negattivi mposti abużivament mill-*employer* tagħha. Is-Soċjetà Appellata ċaħdet dan u ssostni li kienet l-Appellanti li għażlet minn rajha illi titlaq mill-impieg tagħha.

## 3. Konsiderazzjonijiet

Irid jingħad minnufih li l-liġi Maltija la tiddefinixxi u lanqas tagħmel riferenza għal dak li komunement jissejjah *constructive dismissal.* Iżda it-Tribunal Industrijali diversament presjedut kemm il-darba ikkonsidra każi li jittrattaw *constructive dismissal.* Dana ġie ukoll konfermat mill-Qrati Maltin. Fil-każ **Joan Zammit vs S.Borg & Sons Ltd** , Appell Ċivili Nru 5/2005 fid-19 ta' Ottubru 2005 il-Qorti (sedenti s-S.T.l-Onor. Imħallef Philip Sciberras) iddeċidiet li ma hemm xejn li jżomm lit-Tribunal li jinvestiga jekk ikun hemm xi ksur ta' xi patt impliċitu tal-kuntratt tax-xogħol u dana anke fin-nuqqas ta' definizzjoni fil-liġi ta' *constructive dismissal.* Għaldaqstant dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi għandu l-obbligu li jinvestiga każi ta' *constructive dismissal* li jiġu quddiemu.

Fin-nuqqas ta' definizzjoni fil-liġi wieħed irid bilfors ikollu jistrieħ fuq każistika barranija biex jiggwida ruħu fuq il-linji gwida li qrati u tribunali barranin stabbilew fuq medda ta' żmien dwar il-kunċett ta' *constructive dismissal.* Prinċipju bażilari fir-relazzjoni kontrattwali bejn prinċipal u ħaddiem huwa dak ta' *mutual trust and confidence.* Din il-fiduċja reċiproka bejn min iħaddem u min jaħdem hija l-pedament ta' kull relazzjoni fil-qasam lavorattiv u jekk tiġi b'xi mod preġudikata ikun ifisser il-bidu tat-tmiem tal-kuntratt tax-xogħol. Issa biex wieħed jiddetermina jekk din il-fiduċja reċiproka ġietx leża jew le wieħed għandu bilfors jistrieħ fuq fatti oġġettivi u mhux fuq prinċipji legali. Kif stqarr tajjeb Lord Denning fil-każ Woods vs WM Car Services (Peterborough) Ltd *The circumstances (of constructive dismissal) are so infinitly various that there can be and is no rule of law saying what circumstances justify and what do not. It is a question of fact for the tribunal of fact – in this case the Industrial Tribunal.*

Mill-banda l-oħra hemm ċerti ċirkostanzi li huma tant lampanti li minnhom infushom jindikaw jekk kienx hemm każ ċar ta' *cosnsructive dismissal.* Dawn jinkludu ksur sfaċċat tal-kuntratt tax-xogħol da parti tal-prinċipal u trattament intollerabbli u abbużiv tal-prinċipal versu l-ħaddiem.

Konsiderazzjoni importanti ħafna hija dik tat-tempestività tar-reazzjoni tal-ħaddiem għall-aġir tal-prinċipal. Jekk ħaddiem jidhirlu li għandu jitlaq l-impieg tiegħu għal xi raġuni li jattribwixxi għal ksur ta' kuntratt tax-xogħol da parti tal-prinċipal jew għal xi nuqqas unilaterali ta' dik il-fiduċja reċiproka li ġa ssemmiet dan irid ikun telaq mill-impieg tiegħu mal-ewwel. Jekk jibqa jaħdem u ma jieħux passi immedjati jista jiġi nterpretat li jkun aċċetta s-sitwazzjoni. Fil-każ Western Excavating (ECC) Ltd vs Sharp l-istess Lord Denning qal li *"the employee must make up his mind soon after the conduct of which he complains. If he continues for any length of time without leaving, he*

*will be regarded as having elected to affirm the contract and will lose the right to treat himself as discharged*". Jista' jagħti l-każ li ħaddiem li jsib ruħu f'ċirkostanzi li jispingħuh jitlaq iħalli ż-żmien jgħaddi forsi bl-isperanza li l-affarijiet jirranġaw, jew sakemm isib opportunità ta' impieg ieħor. Għad li dawn huma raġunijiet tajba u razzjonali l-fatt li ma jkunx ħa azzjoni u jħalli ż-żmien itul qabel ma jitlaq ċertament ma jista' imbagħad jinvoka *constructive dismissal* bħala raġuni għar-riżenja tiegħu.

Għaldaqstant hemm żewġ kunsiderazzjonijiet bażilari li jridu jiġu eżaminati biex it-test ta' *constructive dismissal* jiġi pruvat. L-ewwel li l-ksur allegat tal-kuntratt ta' xogħol jew l-imminar unilaterali tal-fiduċja reċiproka ikunu serji u ppruvati, u t-tieni li r-reazzjoni tal-ħaddiem għall-allegat ksur tkun waħda immedjata u meħuda tempestivament.

Qed jingħad dan kollu peress illi hemm *lacuna* fil-liġi u għalhekk iridu jitfasslu linji gwida biex każi ta' *constructive dismissal* jiġu trattati b'ekwità u ġustizzja dejjem abbażi ta' fatti.

Il-fatti tal-każ in eżami għalhekk iridu jiġu eżaminati fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'l fuq. Fil-każ in eżami l-lanjanza ta' l-Appellanti tista tinġabar f'żewġ episodji li allegatament wasslu għar-riżenja tagħha li skond hi tammonta għal *constructive dismissal*. L-ewwel kien il-fatt li wara li kien ħassha ħażin meta ħadmet żewġ *shifts* wara xulxin fl-aħħar tas-sena 2006 u s-sussegwenti tneħħija ta' isimha mir-roster, u t-tieni meta ġie suġġerit lilha li forsi kien hemm bżonn li tagħmel xi xogħol fir-ristorant Cara li jifforma parti mill-istess kumpless fejn kienet impjegata. Jekk wieħed jeżamina fil-fatt x'ġara jsib li minħabba l-ħass ħażin li sofriet l-Appellanti allegatament tgħid li isimha ma baqax imniżżel fir-*roster*, fatt li ġie interpretat minnha bħala li ma baqgħetx impjegata. Dan l-inċident ġie debitament iċċarat u ma jidher minn imkien li kellu xi effett fuq l-impieg tagħha u ma kellu ebda rifless fuq il-fiduċja li kellha s-Soċjetà versu fl-Appellanti. Veru li l-istess Appellanti tgħid li hassitha li mhix fdata iktar. Iżda wieħed irid joqod attent li dak li soġġettivament ħasset l-Appellanti ma jirriżultax li kien bażat fuq dak li attwalment ġara. Għaliex partikolarment fil-każi ta' allegati *constructive dismissal* irid jiġi pruvat li kien hemm nuqqas reali ta' fiduċja u mhux nuqqas perċettibbli. Huwa fid-dmir tat-Tribunal li jara jekk oġġettivament kienx hemm dak l-aġir li jagħti lok għal prova inkonfutabbli li dak allegat ikun fil-fatt sar. Fl-opinjoni tat-Tribunal dak li ġara fl-okkażjoni tal-imsemmi ħass ħażin ta' l-Appellanti u x'ġara sussegwentement ma jirriżultax li kien jammonta għal aġir ta' xi ksur ta' xi parti tal-kuntratt tax-xogħol jew xi nuqqas ta' fiduċja fl-Appellanti da parti tas-Soċjetà Appellata.

It-Tribunal imbagħad għadda biex jeżamina l-lanjanza l-oħra, dik tal-possibiltà ta' *transfer* ta' l-Appellanti għar–ristorant Cara. Irid jingħad li dan fil-fatt qatt ma seħħ. Kull ma ġara kien li l-Appellanti kienet ġiet infurmata li minħabba nuqqas antiċipat ta' xogħol fir-ristorant fejn kienet qed taħdem seta' jiġri li tkun mitluba taħdem fir-ristorant Cara. L-ewwel nett irid jingħad li dan ir-ristorant huwa fl-istess kumpless u proprijetà ta' l-istess Soċjetà fejn kienet taħdem l-Appellanti. Għaldaqstant il-prinċipal kellu d-dritt maniġerjali li jittrasferixxi lill-Appellanti hemmhekk mingħajr preġudizzju sintendi għal kundizzjonijiet tax-xogħol li kienet tgawdi. Barra minn hekk it-*transfer* qatt ma seħħ.

It-Tribunal imbagħad għadda biex jikkunsidra ż-żmien li għadda bejn l-allegati inċidenti u t-tluq eventwali ta' l-Appellanti. Wara l-inċident tal-ħass ħażin jidher li kollox irranġa. Anke l-istess kliem fuq ir-ristorant Cara qatt ma ġie implimentat. Ghaddew ġimgħat sħaħ sakemm l-Appellanti ddeċidiet li titlaq l-impieg u tinvoka l-espedjent ta' *constructive dismissal*. L-Appellanti ma aġixxiet tempestivament meta ġraw l-allegati inċidenti. Għaldaqstant hija naqset li tikkonvinċi lit-Tribunal li t-tluq tagħha ġimgħat sħaħ wara l-inċident imsemmi kien dovut minħabba l-allegat aġir tas-Soċjetà Appellata. Tluq immedjat wara l-inċident imsemmi huwa rikjest bażilari sostnut ripetutament minn Tribunali barranin, partikolarment dawk Ingliżi, biex tiġi pruvata *constructive dismissal*.

## 4. Deċiżjoni

It-Tribunal Industrijali jiddeċidi li l-Appellanti Philisian Debono telqet mill-impieg tagħha minn mas-Soċjetà Appellata Arrigo Group of Hotels Ltd volontarjament u ma jirriżultalux li dan kien każ ta' *constructive dismissal*. Għaldaqstant l-istess Tribunal ma jista' jagħti ebda rimedju.

B'hekk jintemm dan il-każ.

## 5. Drittijiet

Ai termini ta' l-Avviż Legali Nru 48 tal-1986 it-Tribunal jiffissa d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' €93.17 kull wieħed.

ft/ Franco Masini
Chairman

Vera kopja
Mary Rose Galea
Ghas-Segretarju